

TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tat-2 ta' Diċembru 2008 — Baniel-Kubinova vs Il-Parlament Ewropew

(Kawża F-131/07) (¹)

(Servizz pubbliku — Membri tal-persunal temporanji u membri tal-persunal awżiljarji maħtura uffiċjali fuq perijodu ta' prova — Artikolu 10 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal — Dritt għall-allowance ta' kuljum wara għoti ta' parti mill-allowance ta' installazzjoni)

(2009/C 19/72)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Barbora Baniel-Kubinova (Alzingen, il-Lussemburgu) u tlettak il-uffiċċial ieħor tal-Parlament Ewropew, (rappreżentanti: S. Orlandi, J.-N. Louis u E. Marchal, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: R. Ignătescu u S. Seyr, aġenti)

Suġġett

Annnullament tad-diversi deċiżjonijiet tal-Awtoritāt tal-Ħatra tal-Parlament li jirrifjutaw li jagħtu lir-rikorrenti l-allowance ta' kuljum stipulata fl-Artikolu 10 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal.

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Kull parti għandha tbat l-ispejjeż tagħha.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tal-4 ta' Diċembru 2008 — Blais vs BĊE

(Kawża F-6/08) (¹)

(Servizz pubbliku — Persunal tal-BĊE — Remunerazzjoni — Allowance ta' espatriazzjoni — Kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 17 tal-kundizzjonijiet tal-impieg tal-BĊE — Kundanna tar-rikorrenti għall-ispejjeż — Ezżeġenzi ta' ekwidà — Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura)

(2009/C 19/73)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Jessica Blais (Frankfurt am Main, Il-Ġermanja) [rappreżentant: B. Karthaus, avukat]

Konvenut: Il-Bank Ċentrali Ewropew [rappreżentanti: F. Malfrère u F. Feyerbacher, aġenti, assistiti minn B. Wägenbaur, avukat]

Suġġett

Servizz pubbliku — L-annullament tad-Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-15 ta' Awwissu 2007 li tirrifjuta li r-rikorrenti tingħha l-allowance ta' espatriazzjoni għar-raġuni li hija ma tis-sodisfax il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 17 tal-Conditions of Employment tal-BĊE.

Dispożittiv tas-sentenza

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) J. Blais għandha tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha, nofs l-ispejjeż tal-Bank Ċentrali Ewropew.

3) Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jbatis nofs l-ispejjeż tiegħi.

(¹) ĠU C 183, 19.7.2008, p. 32.

(¹) ĠU C 142, 7.6.2008, p. 39.